MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 207/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mill-konvenut fis-19 ta' Ottubru 2007 li permezz tieghu huwa talab li jigi awtorizzat jipprezenta risposta kontenenti l-eccezzjonijiet tieghu, wara li jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Rat li r-rikors gie trattat mill-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2007;

Semghet il-provi in propositu bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi fis-16 ta' Mejju 2007, l-attrici pprezentat rikors guramentat li permezz tieghu talbet l-annullament taz-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-24 ta' Far 2004.

Illi, ghalkemm il-konvenut kien gie notifikat fis-27 ta' Lulju 2007, huwa naqas li jipprezenta risposta guramentata

Illi l-ewwel udjenza kienet fissata ghas-17 ta' Ottubru 2007 u li ghaliha dehret biss l-attrici assistita mid-difensur taghha.

Illi jumejn wara, il-konvenut tramite d-difensur tieghu pprezenta r-rikors meritu ta' dan il-gudizzju.

Illi fl-udjenza sussegwenti tal-15 ta' Novembru 2007, dehru l-partijiet kollha nkluz il-konvenut li talab li din il-Qoti titratta r-rikors tieghu.

Illi f' dik l-udjenza l-Qorti semghet lill-partijiet.

Illi mill-provi jirrizulta li, ghalkemm il-konvenut, cittadin ginejan, jifhem bil-lingwa maltija u jitkellem ftit bil-lingwa ngliza, huwa la jaf jaqra bl-ingliz u wisq anqas bil-malti. Dan il-fatt gie konfermat mill-istess martu l-attrici.

Illi in tema legali jigi osservat li kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza l-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut; u hija din id-disubbidjenza animata psikolokament b' dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali.

Ghalhekk meta Qorti tigi kkonfrontata b' kontumacja formali, u ma jkollhiex il-konvinzjoni certa u soda ta' dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun jehtieg ezami ulterjuri tal-fatturi l-ohra necessarji biex dik il-konvinzjoni tigi ffurmata. U hekk titlob ir-raguni guridika ta' sitwazzjoni fejn il-konvenut ser jigi kkundannat fl-assenza ta' difiza.

Illi fil-kaz in disamina l-Qorti mhijiex konvinta li n-nuqqas da parti tal-konvenut li jirrispondi ghar-rikors guramentat ta’ l-attrici kien rizultat ta’ kontumelja u disrispett da parti tieghu ghas-sejha ta’ din il-Qorti, izda kien piuttost nuqqas dovut ghall-fatt li l-konvenut naqas li jikkomunika ma’ persuna tal-fiducja tieghu li jaqralu u jfhemu n-natura ta’ l-azzjoni odjerna.

Inoltre, f’ kazijiet ta’ annullament, il-Qorti hija riluttanti ghall-ahhar li ma tippermettix lil xi parti milli tressaq il-provi kollha taghha, kemm il-darba ma tirrizultax xi strategija dilatorja da parti ta’ xi parti li tammonta ghall-abbuz mis-sistema gudizzjarja procedurali.

Ghaldaqstant tilqa’ t-talba tal-konvenut, u tawtorizza lill-istess jipprezenta r-risposta guramentata tieghu fi zmien ghoxrin jum millum.

L-ispejjez ta’ dan il-gudizzju jkun a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------